MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 331/2013

**Alexis Inguanez**

**vs.**

**Ray Agius**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' ħames mija u wieħed u tletin Ewro (€531.00) rappreżentanti spejjeż professjonali għax-xogħol ta' konsulenza mwettaq mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut, għar-rigward tal-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp bin-numru PA 3145/10 ("to construct 2 penthouses and 1 washroom and demolishing existing 2 washrooms").

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġiet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill- konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħames mija u wieħed u tletin Ewro (€531.00), bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 ta' Lulju 2012 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi (fol.23), sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------